**Għażiż Dione**

Illum f'għeluq sninek
Ħalli nifraħ miegħek
Għal dil-kbira grazzja
Ta' dil-ħajja tiegħek.

Ħafna grazzji l-Mulej
Tak fuq li tak ħija,
Għal ħafna nies inti
Ħeġġa u tjubija.

U anki għall-Knisja
Tagħna, it-Trinità,
Li b'dedikazzjoni
U ġenerożità.

Int tarma bil-galbu
Bir-reqqa tiegħu ħsieb,
U min fiha jidħol
Iħossu f'dar il-ħbieb.

Għax hekk hum'għalina
Il-Missier u l-Iben,
Mal-Ispirtu Qaddis
Alla li tant iħenn.

Jalla li dan Alla
Li lilu int taqdi,
Itellgħek fis-sema
Biex lilu hemm tgwadi.

Imma qabel jagħtik
Ħajja twila fis-sliem,
Ħalli tibqa' taħdem
Għal Saltnatu bla tmiem.

Dejjem bit-tbissima
Tal-aqwa sagristan,
Li jaqdi l-Imgħallem
Bl-ispirtu Franġiskan.

Grazzi li twassalni
Bil-lejl w anki bi nhar,
Biex naqdi lil Kristu
F'dak l-imbierek ta' sptar.

Int kbir għax tħobb l'Alla
Tiegħu l-istallone,

Nawguralek ħabib
Għażiż ħija Dione.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta’ Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.